**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 163/18 AGV**

AC
Vs
BC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Marzu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar l-24 ta' April, 1992.
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' sentenza tal-Qorti f'seduta ta' nhar il-Erbgha 30 ta' Gunju, 2004 u dan skond ma jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok. A.
4. Illi l-kontendenti kienu rrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment.
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
6. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportun.

Bl-ispejjes.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma li hu u l-intimata kienu sseparaw legalment fl-2004. Jikkonferma li dejjem hallas il-manteniment skond il-kuntratt. Ighid ukoll illi peress li llum jinstab f'relazzjoni ma' mara ohra, ma hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Rat li l-intimata, debitament notifikata ma pprezentatx risposta.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin  u kienu ukoll isseparaw legalment skond sentenza datata 30 ta' Gunju, 2004. Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u li ma kienx hemm cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom peress li ilhom ighixu separati u llum qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor.Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**